**Konferenza Annwali tal-NCPE**

Il-kommunikazzjoni ma' udjenzi differenti permezz tat-twettiq ta' pjan wiesa' ta' azzjoni ta' kommunikazzjoni kienet waħda mill-kisbiet tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) f'l-2018. Dan ix-xogħol, kif ukoll iż-żieda fl-awditjar tal-applikazzjonijiet tal-*Equality Mark* u sett ta' inizjattivi ġodda biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi bejn il-ġeneri matul il-ħajja kienu l-enfasi prinċipali tal-15-il Konferenza Annwali fl-4 ta' Ġunju.

Fid-diskors tagħha, il-Ministru tal-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza, Dr Helena Dalli ferħet lil-NCPE għax-xogħol imwettaq f'dawn il-15-il sena biex tiġi promossa l-ugwaljanza u tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni fi ħdan is-soċjetà Maltija. Dr Dalli spjegat kif l-impenn tal-Gvern issarraf f'diversi inizjattivi biex tissaħħaħ l-ugwaljanza għal kulħadd, b'mod partikolari dawk l-inizjattivi li jiffaċilitaw ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja fil-familja u jsaħħu l-indipendnza ekonomika ugwali bejn in-nisa u l-irġiel, fejn l-aktar riċenti kienet l-introduzzjoni tal-għażla għall-koppji miżżewġin jew ierreġistrati bħala unjoni ċivili biex jissottomettu dikjarazzjonijiet tat-taxxa separati u jkollhom kontijiet tat-taxxa separati. Tali miżuri għenu biex ikun hemm żieda sinifikanti ta' 15.8% fir-rata tal-impjieg tan-nisa bejn l-2013 u l-2018.

Il-Ministru Dalli saħqet ukoll fuq ir-riforma li għandha l-għan li żżid il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-politika permezz ta' diversi miżuri pożittivi li eventwalment jiżguraw il-bilanċ bejn il-ġeneri fil-Parlamant. Il-Ministru Dalli għalqet billi għarfet ir-rwol importanti tal-NCPE fil-ħarsien tal-ugwaljanza u tenniet l-impenn tal-Gvern favur il-ħolqien ta' Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet Umani u l-ugwaljanza b'mandat aktar qawwi u setgħat aktar wesgħin.

Il-Kummissarju tal-NCPE Renee Laiviera tat ħarsa lejn ix-xogħol li twettaq fl-2018, billi enfasizzat il-progress li kisbet u l-isfidi li baqa' biex tiżdied l-ugwaljanza f'oqsma speċifiċi, li jinkludu r-rappreżentanza tan-nisa u l-irġiel fix-xogħol u f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Minkejja żieda sostanzjali ta' nisa fil-post tax-xogħol, għad hemm differenzi bejn il-ġeneri fil-parteċipazzjoni fix-xogħol, is-segregazzjoni tal-ġeneri u d-differenza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel li jfixklu l-ugwaljanza f'dan il-qasam. Sterjotipi fuq ir-rwoli tan-nisa u l-irġiel għadhom jippersistu u dan jidher min-numru għoli ta' nisa li jagħmlu użu ta' miżuri favuri il-familja fl-amministrazzjoni pubblika, li jista' jħalli implikazzjonijiet fl-avvanz tal-karriera tagħhom. Iżjed minn hekk, is-segregazzjoni abbażi tal-ġeneru fl-edukazzjoni hija viżibbli ħafna bin-nisa jibqgħu prominenti f'korsijiet bħall-Edukazzjoni u x-Xjenza tas-Saħħa, filwaqt li l-irġiel fl-Inġinerija u ICT li mbagħad tiġi riflessa fis-segregazzjoni fuq il-post tax-xogħol.

Matul il-Konferenza, 10 kumpaniji ġodda ġew mogħtija ċ-ċertifikazzjoni tal-Equality Mark u 31 kumpaniji ġew riċertifikati bħala konferma tal-impenn tagħhom lejn l-ugwaljanza fil-policy u l-prassi fuq il-post tax-xogħol tagħhom. B'kollox bħalissa hemm 91 entità biċ-ċertifikazzjoni tal-Equality Mark li jimpjegaw iktar minn 21,600 impjegati f'kundizzjonijiet ugwali ċertifikati.

Is-Sa Laiviera spjegat ir-rwol tal-NCPE biex tinvestiga każijiet ta' allegat diskriminazzjoni. Fl-2018, 37 ilment ġew investigati fuq sferi speċifici. 9 minnom kienu *ex-officio*. B'kollox, is-sena l-oħra 19-il każ ġew finalizati. Is-Sa Laiviera saħqet kif dawn l-investigazzjonijet jagħtu l-NCPE ċ-ċans biex jiġu identifikati u indirizzati suġġeti li jfixklu l-ugwaljanza fil-ħajja ta' kuljum.

Diversi membri tal-istaff tal-NCPE taw preżentazzjoni qasira tax-xogħol li sar fl-2018. Partikularment, l-NCPE kompliet ixxerred l-informazzjoni dwar id-drittijiet u d-dmirijiet relatati mal-ugwaljanza billi tat taħriġ lil 940 parteċipant f'setturi differenti, u permezz ta' impenn miżjud lejn kommunikazzjoni f' mezzi differenti li jinkludu artikli u stqarrijiet stampa fil-midja stampata, parteċipazzjoni fuq it-TV u programmi tar-radju, kontenut fuq il-midja soċjali, avvenimenti u konferenzi. L-NCPE tfittexx ukoll li

ssaħħaħ l-ugwaljanza permezz ta' xogħol relatat mal-policies, l-iktar billi tanalizza u tikkontribwixxi għall-iżvillup ta' policies u leġiżlazzjoni f'livelli nazzjonali u internazzjonali. Is-sena l-oħra, l-NCPE nediet ukoll progett '*Prepare the Grounds for Economic Independence*' biex tindirizza d-diskrepanzi bejn in-nisa u l-irġiel matul il-ħajja.

Peress li din is-sena hija l-ħmistax anniversajru mit-twaqqif tal-NCPE, is-Sa Laiviera ppreżentat l-avvenimenti ewlenin fix-xogħol matul dawn is-snin billi iffukat fuq l-iżviluppi prinċipali fil-mandat tal-NCPE, ix-xogħol investigattiv, monitoraġġ ta' avviżi diskriminatorji, it-taħriġ, ir-riċerka, ir-riżorsi u l-għodda, ħarsa lejn il-policies u r-rakkommandazzjonijet, it-talbiet għall-informazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni tal-Equality Mark, l-għarfien u l-kommunikazzjoni, l-avvenimenti u l-konferenzi.

Il-Konferenza kkonkludiet b'*workshops* fejn il-parteċipanti ddiskutew ix-xogħol tal-NCPE u kif se tkompli ssaħħaħ l-impenn tagħha biex iżżid il-promozzjoni tal-ugwaljanza fis-soċjetà Maltija. NCPE se tanalizzi l-proposti diskussi biex tikkunsidrahom fejn hu possibbli.

**Ir-Rapport Annwali tal-NCPE 2018 jinsab fuq www.equality.gov.mt**